MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 400/2006

**Helen Portelli ID 81337 M**

**vs**

**David Portelli u Carmen Mallia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Helen Portelli datat 5 ta’ Mejju 2006 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Ili hija ghandha l-post 57 Triq San Giljan Birkirkara b’titolu ta’ kera u kienet ilha f’dan il-post ghal tmintax-il sena.

Illi hija ppermettiet il-konvenuti jghixu maghha f’din id-dar ghal erba’ snin peress li l-konvenut jigi n-neputi taghha.

Illi l-konvenuti kienu vjoleriti mal-attrici diversi drabi u s-sitwazzjoni ddegenerat ghall-ahhar meta hi kellha sahansitra tasal biex tahrab minn din id-dar minhabba l-vjolenza taghhom lejha.

Illi l-attrici tixtieq terga’ tghix f’darha ad eskluzjoni tal-konvenuti.

Illi l-konvenuti qed jirrifjutaw li johorgu mill-post, liema fond qed jokkupaw minghajr ebda titolu.

Illi *nonostante* id-diversi interpellanzi sabiex johorgu mill-fond huma baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti qed jokkupaw il-fond minghajr l-ebda titolu

2. Tordna lill-konvenuti jizgumbraw mill-fond tal-attrici li jinsab 57 Triq San Giljan Birkirkara.

3. Tordna lill-konvenuti jirriturnaw il-mobbli u oggetti li jappartjenu lill-attrici.

4. Tordna lill-konvenuti jhallsu l-kera tal-fond okkupat minnhom sad-data tal-imsemmi zgumbrament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja u l-ittra ufficjali datati April 2006.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici a fol. 2 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta’ Ottubru 2006.

Rat ir-risposta ta’ David Portelli ID Nru:126261M) u Carmen Mallia (ID Nru: 265462M) datata 19 ta’ Jannar 2007 a fol. 10 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghha *stante* illi huma jiddetjenu l-imsemmi fond b'titolu ta' kera, kif jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi *inoltre* mhux minnu illi l-konvenuti gew moghtija xi permess biex jghixu mal-attrici ghal erba' snin kif minha allegat jew li ghamlu xi atti ta' vjolenza u gieghluha tahrab mid-dar imsemmija. Il- verita` hija s-segwenti.

3. Illi l-esponenti David Portelli jigi n-neputi tal-attrici, li hija mara marida u li kellha bzonn il-kura u ma kinetx ta' wehidha.

4. Illi l-esponenti David Portelli u Carmen Mallia ilhom jghixu flimkien bhala mizzewga ghal circa ghoxrin sena u circa sentejn wara li kienu bdew jghixu flimkien u wara li twelditilhom tarbija li llum ghandha tmintax-il sena kienu accetaw li l-konvenuta tmur tabita maghhom fil-fond proprjeta` tal-familja Portelli, Edelwiess Flats, Flat 6, Triq Karm Zerafa, B'Kara, wara li talbithom li tmur maghhom billi kienet tibza' tghix wehidha ghax kellha dipressjoni nervuza u ma setghetx tghix fil-fond taghha 57, Trig San Giljan, B'Kara, mertu ta' din il-kawza.

5. Illi sussegwentement u wara xi tmien snin l-esponenti David Portelli kien xtara fond sabiex fih imur jirrisjedi ma' Carmen Madia, uliedu u l-istess attrici u cioe` l-fond Kirsty House, Triq il-Maggur Anthony Aquilina, B'Kara, f'liema post flimkien mal-attrici kien jirrisjedi ghal circa erba' / hames snin.

6. Illi matul dan iz-zmien kollu l-attrici baqghet dejjem tirrisjedi mal-konvenuti u tmur biss fil-fond mikri lilha 57, Triq San Giljan, B'Kara forsi darbtejn / tlieta fix-xahar kemm kemm tiftah u sserah rasa li ma' dahal hadd.

7. Illi circa hames snin ilu u meta l-esponenti David Portelli gieli lmenta illi kien qed isibha iebsa biex ihallas il-pagament li kellu jaghti l-Bank fuq id-dar minnu mixtri hija l-attrici kienet issugeritlu li jbieh id-dar, jhallas id-dejn li kellu fuqha u bil-flus li jifdal jew b' parti minhom jirinova l-

fond 57, Triq San Giljan, B'Kara mikri lill-attrici, sabiex dan isir abitabbli u lkoll flimkien imorru jghixu fl-imsemmi fond bil-kundizzjoni wkoll illi l-kera li l-attrici kienet thallas lis-sid il-kera u cioe` Lm48.00 fis-sena jibdew jithallsu mill-esponenti li kellu wkoll skont l-istess ftehim ihallas id-dawl u ilma u dak kollu li jkun hemm bzonn fuq dak il-fond, *oltre* dawn il-kondizzjonijiet l-attrici kienet ukoll tippretendi li tiekol mal-familja tal-esponenti kif dejjem ghamlet kif ukoll li jkollha hwejjigha mahsula kollox a spejjez tal-esponenti.

8. Illi biex il-post mikri lill-attrici sar abitabbli l-esponenti kien kostrett jibdel is-sistema intiera tad-dawl u tal-ilma, jibdel il-madum tal-art u soqfa, jaghmel zewg kmamar tal-banji godda, kcina gdida u prattikament jiksi l-hitan kollha, jizboh l-istess b'dan illi nefaq b'kollox mas sittax-il elf lira (Lm16,000), *oltre* li hafna xoghlijiet saru minnu stess billi huwa bniedem tas-sena u kellu l-lavranti tieghu.

9. Illi dawn ix-xoghlijiet saru biss minhabba l-ftehim li kien sar bejn il-kontendenti illi dawn imorru jghixu flimkien fil-fond mikri lill-attrici bl-intiza l-istess fond jigi uzat kemm mill-esponenti kif ukoll mill-attrici tant illi l-attrici dejjem kellha kamritha kif ghad ghandha sallum maqfula kif kienet izzommha meta tohrog u kif ghadha maqfula sallum u certament mhux bl-intiza li meta l-attrici ifetlilha, tkeccihom 'il barra.

10. Illi l-attrici ftit ilu u wara diversi relazzjonijiet extra maritali li kellha ma' diversi irgiel tnafrett mal-esponenti u pretendiet lill-esponenti jizgumbraw mid-dar fejn kienu ilhom joqghodu circa hames snin ghax riedet tghix mal-gharus taghha wehidha fl-imsemmi fond.

11. Illi ghalhekk m'hu minnu xejn illi l-attrici kienet kostretta tahrab mid-dar minhabba vjolenza kif minnha allegat, kif lanqas m'hu minnu xejn illi l-esponenti jiddetjenu l-imsemmi fond minghajr ebda titolu.

12. Il-kamra tal-attrici fl-imsemmija dar kienet ghadha u tibqa' ghad-dispozizzjoni taghha jekk din tibdel il-hsieb u tmur lura tabita mal-familja tal-esponenti kif kienet ilha

tabita bla interuzzjonijiet ghal dawn l-ahhar tmintax-il sena circa.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intiamti a fol. 12 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-7 ta’ Frar 2007 fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Anna Mallia biex tiffissa s-seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet u tirrelata dwar it-talbiet attrici wara li tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat ir-rikors ta’ Helen Portelli datata 21 ta’ Mejju 2007 a fol 33 tal-process fejn ir-rikorrenti talbet lill-Qorti tawtorizzaha tirtira r-raba’ talba taghha; u l-Qorti bid-digriet taghha tat- 22 ta’ Mejju 2007 astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-istess b’ dan li l-attrici ghandha tipprocedi bl-opportun att gudizzjarju sabiex iccedi jew tirtira r-raba’ talba taghha jekk thoss li ghandha taghmel dan.

Rat in-nota ta’ Helen Portelli datata 12 ta’ Dicembru 2007 a fol. 44 tal-process li permezz taghha rtirat ir-raba’ talba attrici.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Anna Mallia, bix-xhieda kollha quddiemha prodotta u d-dokumenti pprezentat, flimkien mar-rapport datat 19 ta’ April 2010 u mahluf fis-seduta tal-11 ta’ Novembru 2010, liema rapport jinsab esebit a fol. 156 ta-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti fejn fis-seduta tad-19 ta’ Jannar 2011 meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Norma Vella ghall-attrici u Dr. Christian Grima ghall-konvenuti li ddikjaraw li ma ghandhomx bzonn jaghmlu eskussjoni tal-perit legali u talbu li jigu permessi jipprezentaw noti ta osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet tletin (30) gurnata zmien ghall-istess nota lill-atturi bin-notifika lill-kontro-parti li jkollhom tletin (30) gurnata zmien ghan-nota taghha. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-5 ta’ Mejju 2011.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet finali ta’ Helen Portelli datata 7 ta’ Frar 2011 a fol. 172 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob l-izgumbrament tal-konvenuti mill-fond 57, Triq San Giljan Birkirkara ghaliex qed tallega li l-konvenuti qed jokkupaw l-istess minghajr ebda titolu; qed titlob ukoll li l-istess konvenuti jaghtu lura l-ghamara taghha. Qed titlob ukoll li jigu ritornati lilha l-mobbli li kien hemm fl-istess dar.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici hija l-inkwilina tal-istess fond u l-partijiet kellhom relazzjoni vicina tant li l-attrici tghid li kienet hija li rabbiet lil ulied il-konvenuti, waqt li l-konvenuti jghidu li huma kienu minn dejjem jiehdu hsiebha.

Illi jirrizulta li l-konvenuti kienu rrangaw id-dar fejn tghix l-attrici u nkorrew spejjez sabiex imorru jghixu fiha flimkien maghha u dan anke kif tammetti l-istess attrici, ghalkemm hija ssostni li dawn ix-xogholijiet ghamluhom il-konvenuti min jeddhom u mhux ghaliex qabdithom hija ghaliex hija kienet kuntenta bl-istat tar-residenza taghha kif kienet. Fil-fatt jirrizulta li l-attrici kienet stiednet lill-konvenuti sabiex imorru jghixu maghha biex jiehdu hsiebha ghalkemm izzid tghid li ghamlet dan sakemm l-konvenuti jsibu post alternattiv fejn jghixu.
Illi kif jinghad l-attrici kienet tokkupa l-fond *de quo* b'titolu ta' kera u konsistentement ma' dan ricevuti tal-kera dejjem hargu fuq isimha u dan jinsab korroborat mix-xhieda Salvina Borg ko-proprjetarja tal-istess fond. Dan ma huwiex kontestat ghalkemm il-konvenuti jghidu li kienu huma li effettivament kienu johorgu tali flus, izda xorta

wahda r-ricevuti tal-kera jirrikonoxxu biss lill-attrici bhala l-kerrej.

Illi jirrizulta li inholoq disgwid bejn il-partijiet tant li l-attrici tallega li l-konvenuti kienu vjolenti maghha u b'hekk hija kienet kostretta li titlaq mid-dar taghha minhabba dan u l-biza' li hakmitha, u ovvjament jidher li hija trid tmur lura sabiex tghix fl-istess dar, izda qabel xejn trid li l-konvenuti jigu zgumbrati minnha ghaliex ma tridhomx izjed jghixu maghha, izda l-konvenuti rrifjutaw li johorgu mill-istess fond ghaliex qed jvantaw li ghandhom titolu ta' kera.

Illi fil-fatt din hija l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-istess konvenuti u b'hekk la darba huma ghamlu tali vantazzjoni, huwa oneru taghhom li jipprovaw l-istess fil-grad rikjest mill-ligi. Jidher li l-konvenuti jibbazaw din il-pretensjoni taghhom fuq l-allegazzjoni li effettivament meta marru jghixu mal-attrici kienu huma li kienu jaghtuha l-flus sabiex hija thallas il-kera mposta fuq l-istess fond u wkoll peress li jallegaw li ghamlu spejjez konsiderevoli sabiex jaghmlu miljoramenti fl-istess fond sabiex irenduh abitabbli ghalihom, meta marru jghixu mal-attrici fuq stedina taghha, tant li huma bieghu darhom sabiex setghu jaghmlu dan.

Illi dan fil-verita' huwa kontestat mill-attrici ghaliex it-tezi taghha hija li giet kostretta ddahhal lill-konvenuti gewwa darha, u kif inghad l-ispejjez li ghamlu l-konvenuti saru minnhom minn jeddhom, u li hija kienet tiehu hsieb ulied il-konvenuti u allura altru milli l-konvenuti jiehdu hsiebha.

Illi f'dan l-isfond jirrizulta li hija l-attrici li ghandha titolu ta' kera fuq l-istess fond peress li hija wirtet tali titolu ta' lokazzjoni wara l-mewt tal-genituri skond id-disposizzjonijiet prevalenti f'dak iz-zmien fil-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta. Anke jekk wiehed ihares lejn l-**artikolu 44** tal-istess Kap, li huwa amplifikazzjoni tad-definizzjoni ta' kirja skond l-**artikolu 1533 tal-Kap. 16,** xorta wahda jwassal ghal din il-konkluzzjoni cjoe' li hija l-attrici li ghandha d-dritt ta' kera fuq l-istess post, ghaliex hija thallas il-flus tal-kera lis-sidien li johorgu r-ricevuti tal-kera

fuqha u jirrikonoxxu biss lill-attrici bhala l-kerrejja tal-fond *de quo*.

Illi f'dan il-kuntest hija pacifika li mid-definizzjoni u interpretazzjoni tal-**artikolu 1533 (1) tal-Kodici Civili** li meta l-korrispettiv ma jkunx jikkonsisti fi flus, izda fi kwantita ta' derrati jew ta' sehem tal-frottijiet li l-haga tipproduci ma hemmx lokazzjoni u f'dan is-sens huma d-decizjonijiet **"Carmelo Xuereb vs Salvu Camenzuli"** (A.C. - 1 ta' Dicembru 1969). Isegwi li allura l-element ta' kera ma jistax jigi maghmul jikkonsisti fil-prestazzjoni ta' xoghol **("Salvatore vs Paolo Briguglio et"** (A.C. - 17 ta' Novembru 1972) u l-prestazzjoni ta' servigi ma jiffigurax fid-dritt ta' kera **("Vincenza Vella vs Edward Borg"** – A.I.C -28 ta' Gunju 1974).

Illi fil-kuntest tal-provi kollha prodotti jirrizulta li hija l-attrici li ghandha dritt ta' kera fuq l-istess post u din hija anke l-posizzjoni kieku jigi ghall-mument koncess li kienu il-konvenut Portelli li kien jaghti l-flus tal-kera lill-attrici, u dan peress li l-hlas dejjem gie affettwat mill-attrici ghan-nom taghha u hija kienet dejjem rikonnoxuta bhala l-unika kerreja tal-istess fond mis-sidien u ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti qed tigi michuda.

Illi jidher li l-perit legali ezaminat jekk il-konvenuti kienux qed jokkupaw l-istess fond taht titolu ta' komodat taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1835 tal-Kap. 16,** u a propositu tal-istess inghad li tali tip ta' kuntratt mhuwiex il-*"prestito di compiacenza"* li jsemmi **Zachariae** (**Vol XXX1 pl p96)** izda jirraprezenta dik in-donazzjoni ta' uzu li timponi lill-kommodant versu l-kommodatarju *"l'obbligo di fare godere la cosa per tutto il tempo convenuto; e come il conduttore verso locatore, cosi il comodatario verso il comodante ha il diritto di servirsi della cosa purche la impieghi per l'uso determinato nel contratto"* **("P.L. Francesco Azzopardi vs Emilia vedova Malfiggiani"** K. - 5 ta' Jannar 1902 Vol. XVIII.iii. 69).

Illi tenut kont tal-premess kemm il-draba l-konvenuti ghamlu x-xogholijiet u l-ispejjez fil-fond *de quo* sabiex ikunu jistghu jghixu go fih u cioe' a vantagg tas-suppost

kommodanti, dan jezula l-karattru essenzjali tal-komodat hekk fondat fuq il-gratuwita tal-prestazzjoni **"Maria Assunta Cassar vs Albert Connell et"** – A.I.C. (PS) - 7 ta' Lulju 2003; u **"Maria Pace vs Anthony Pace et"** – A.I.C. (PS) - 28 ta' April 2004.

Illi l-istess jinghad fil-kuntest tal-prestazzjonijiet u l-kontribuzzjonijiet maghmula mill-konvenuti ghad-dar meta l-konvenut jammetti sahansitra fl-affidavit tieghu li fid-dar li l-ispejjez kollha bhal dawl u ilma u anke l-kera, kollox ihallas hu, u dan ghalhekk jeskludi l-gratuwita li hi rekwizit essenzjali tal-komodat .

Illi kif gie ritenut fis-sentenza **"Antonio Vassallo vs Edward Vassallo et"** (A.C. – 18 ta' Mejju 1964 (Vol. XLVIII.i.312), "*fir-relazzjonijiet normali bejn missier u ulied kbar li jibqghu jghixu mieghu bhala familja wahda fl-istess darb, ma jistghax jigi ravvizat kuntratt ta' kommodat. Il-prestazzjonijiet u l-kontribuzzjonijiet maghmula mill-ulied ghad-dar jeskludi l-gratuwita li hi rekwizit essenzjali tal-kommodat".* Kif jghid b'semplicita il-***Laurent*** "*il prestito ad uso (comodato) e' essenzialmente gratuito",* (**Vol XXVI.457.349 - Principii di Diritto Civile**). L-istess jghid id-***Dumburg "Delle Obbligazioni"*** fis-sens li *"il-carattere essenziale del commodato e' la gratuita'. Per essa si distinque dalla locazione"* (par.90, p363). F'dan il-kuntest jigi rilevat ukoll li l-konvenut stess jammetti fl-affidavit tieghu li huwa hallas il-kontijiet kollha u anke l-flus tal-kera kien jaghti lill-attrici biex tmur thallas l-istess. Allura f'dan ix-xenarju lanqas ma jista jigi sostenut dan it-titolu f'dan il-kaz mill-konvenut jew konvenuti.

Illi dwar l-istitut tal-prekarju, li wkoll gie ezaminat mill-perit legali, jinghad li gie korrettament ritenut li dan mhux veru titolu billi l-koncessjonarju ghandu jirrestitwixxi l-haga lura lill-koncedent malli jigi mitlub. Fil-fatt punt konsimili gie deciz fis-sentenza **"Joseph G. Coleiro vs Tabib Joseph Ellul"** (P.A. (CC) - 14 ta' Frar 1967) fejn gie ritenut li "*tant mhux titolu l-prekarju li ghall-finijiet tal-azzjoni ta' spoll privileggjat, l-ligi tekwipara l-pussess b'titolu prekarju mal-pussess ottenut bil-mohbi jew bil-forza, "quam vi precarie"".*

Illi dan iffisser li kieku l-principji li jirregolaw il-prekarju kellhom jigu applikati ghall-kaz in ezami, dan ifisser li l-fatt li l-attrici qed titlob permezz ta' din il-kawza li l-konvenuti jizgumbraw mill-fond *de quo*, anke kieku kellu jinghad li l-mertu tal-kaz joffri sembjanzi ta' prekarju, dan intemm bis-setgha tal-inkwilina tal-fond li immanifestat din il-volonta` taghha meta ntavolat proprju dawn il-proceduri ghall-izgumbrament, fakolta' din lilha moghtija bl-**artikolu 1839 tal-Kodici Civili** li f'kull zmien tirrecedi *"ad nutum"* u tiehu l-haga lura. Allura l-konvenuti lanqas jistghu juzaw din il-linja bhala l-bazi tat-titolu minnhom vantat.

Illi allura f'dan ix-xenarju kollu propost mill-provi f'din il-kawza din il-Qorti thoss li dak li jirrizulta mill-kumpless tal-provi migbura huwa li l-konvenuti kienu u qed jokkupaw l-istess fond biss b'tolleranza u xejn izjed u dan kif jigri spiss fejn jezistu rapporti ta' familjarita`, hbiberija jew bwon vicinat **(Kollez. Vol XL.i.534).** Din it-tolleranza ma tattribwixxi l-ebda drittijiet mhux biss ghaliex in-natura taghha ma hijiex konsonanti mar-rabta legali li tnissel maghha n-necessita ta' l-adempiment (Vol. XXXIV.ii.92) izda, wkoll skond l-insenjament ta' ***Laurent ("Principii di Diritto Civili"*** - Vol XXXII.297), *"colui che gode per tolleranza non ha nessun titolu, salvo un consenso del proprietario che questi puo' ritirare da un istante all'altro"* **("Maria Caruana vs Benedict Spiteri et"** – A.I.C. (PS) - 24 ta' Marzu 2004). Dan ifisser li l-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw li b'xi mod huma ghandhom xi titolu validu fil-ligi biex jibqghu jirrisjedu fil-fond *de quo.*

Illi l-attrici tikkontendi wkoll li l-lista tal-mobbli imsemmija u esebita mal-affidavit taghha ghandha tigi ritornata mill-konvenuti peress li dawk huma proprjeta` taghha. In sostenn ta' dan, l-attrici tghid fl-affidavit taghha tas-7 ta' Marzu 2007 li meta harbet mid-dar halliet hwejjigha kollha warajha; li fil-kamra taghha kellha coat, raincoat u libsa shiha bil-gakketta ukoll. L-affarijiet li halliet warajha go darha huma centru bi qfief, linfa tal-bronz u zewg brazzi, cuckoo clock li jiswa xi Lm100, Ronic processor komplut b'kollox, *grilioso convection oven*, *sigwafer steam cooker*, affarijiet tal-kcina tupperware tal-valur ta' Lm100, radju u

arlogg, komodina u kuruna, vetrina b'settijiet u xorb, whiskey, brandy, maskta, vermouth, borma bil-hgieg u affarijiet ohra. Fuq il-bejt tghid li kellha arlogg imdaqqas, kwadru bil-pendlu, kitla tal-elettriku, ritratti tal-genituri, radju mhux uzat b'arlogg, zveljarin li kien gabulha huha mill-Awstralja, u fil-bitha ghandha *twin tub washing machine*, *cooker* bil-forn, 3 cilindri tal-gass, frigg kbira *(fridge freezer)* f'torba tal-bejt ghandha mithna tal-kafe f'kaxxa gdida u affarijiet ohra godda tal-kcina. Isfel tghid li kellha *Kenwood* kompluta, *liquidiser* u zewg statwetti tal-Madonna wahda minnhom iddoqq. Jinghad li tali oggetti jinsabu indikati fil-lista esebita mill-attrici bhala Dok. "HP 2" a fol. 26 tal-process u jirrizulta li dawn l-oggetti halliethom fid-dar mikrija lilha u llum jinsabu fil-pussess tal-konvenuti peress li qed jokkupaw l-istess dar u ma jidhirx li dan gie kontestat bl-ebda mod mill-istess konvenuti, u allura din il-Qorti thoss li anke t-tielet talba ghandha tigi milqugha u hekk qed isir b'din id-decizjoni.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba attrici** peress li l-attrici rtirat l-istess, u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti biss in kwantu nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-ewwel tlett talbiet attrici** fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li l-konvenuti qed jokkupaw il-fond Numru 57, Triq San Giljan, Birkirkara minghajr ebda titolu.

(2) Tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jizgumbraw mill-fond imsemmi tal-attrici, kif inghad li jinsab 57, Triq San Giljan, Birkirkara.

(3) Tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jirritornaw il-mobbli kollha u l-oggetti li jappartjenu lill-attrici li jinsabu elenkati fil-lista esebita mill-attrici u mmarkata bhala Dok. "HP 2" a fol.26 tal-process u li hija halliet fil-fond mikri lilha hawn indikat u dan billi konsegwenti ghall-

ewwel zewg talbiet attrici jhallu l-istess oggetti fejn kienu ghad-disposizzjoni tal-attrici fil-fond *de quo.*

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja u l-ittra ufficjali datati April 2006 kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------